UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI KURJA VESKOVILI TA' GĦAWDEX
Stqarrija għall-Istampa [ST/11/2026]
25 ta' Novembru 2026

MT

RAPPORT TAL-ISTĦARRIĠ:
"FIDI, PRATTIKA RELIĠJUŻA, U ATTITUDNIJIET F'GĦAWDEX"

Fis-sajf tas-sena 2026, id-Djoċesi ta' Għawdex ikkummissjonat Stħarriġ komprensiv xjentifiku fost iktar minn 400 persuna dwar il-fidi, il-prattika reliġjuża u l-attitudnijiet tal-popolazzjoni Għawdxija. Dan l-Istħarriġ sar biex jipprovdi stampa iktar ċara dwar fejn tinsab il-komunità Għawdxija bl-għan li jdawwal il-pjanifikazzjoni pastorali għas-snin li ġejjin waqt li jipprovdi bażi għal djalogu bejn id-Djoċesi u l-Insara f'Għawdex.

Minn dan l-Istħarriġ ħareġ li għalkemm il-fidi f'Għawdex għadha tinħass qawwija, tant li 70.6% wieġbu li jmorru l-Quddiesa tal-Ħadd regolarment u madwar 17.7% oħra jgħidu li jattendu spiss, madankollu madwar żewġ terzi (68%) jemmnu li l-ħajja tal-fidi f'Għawdex se tmur lura fl-10 snin li ġejjin. Huma 28% biss li jgħidu li jieħdu sehem f'attivitajiet reliġjużi l-iktar minħabba drawwa, u 72% jirrifjutaw espliċitament l-idea li jipprattikaw ir-reliġjon minħabba pressjonijiet familjari.

Għalkemm l-attendenza tal-Quddiesa għadha relattivament għolja, fejn jidħol is-Sagrament tal-Qrar, iċ-ċifri juru mod ieħor. B'mod ġenerali huma biss 7.3% dawk li jersqu għall-Qrar regolarment matul is-sena u 35.1% dawk li jmorru spiss, waqt li 43.6% rarament imorru u 14.0% ma jmorru qatt.

L-Istħarriġ jagħti stampa xi ftit iktar pessimista rigward il-faxxa tal-età ta' żgħażagħ bejn is-16 u l-35. Il-persentaġġ ta' żgħażagħ li jattendu l-Quddies regolarment f'din l-età jinżel għal 55%, waqt li għall-Qrar jaqa' għal 24.7%. Fil-fatt mill-Istħarriġ joħroġ li l-Qrar qed jitqies iktar bħala prattika spiritwali okkażjonali jew inkella sagrament ta' kriżi, iktar milli prattika spiritwali regolari. Min-naħa l-oħra l-Istħarriġ sab li r-raġuni ewlenija għal nuqqas ta' prattika reliġjuża hija l-istil tal-ħajja mgħaġġla tal-lum, kif ukoll in-nuqqas ta' ħin (47.5% fost dawk li wieġbu).

Skont l-Istħarriġ, il-fiduċja fis-saċerdot għadha pjuttost għolja f'Għawdex, tant li 93% jgħidu li għandhom impressjoni pożittiva tal-qassisin u li jsibuhom disposti li jgħinuhom personalment.

L-Istħarriġ iffoka wkoll fuq il-festi patronali, fejn 80% ta' dawk li ħadu sehem fl-Istħarriġ jemmnu li l-aspett reliġjuż tal-festi qed jitnaqqar, tant li 54% jixtiequ li jinżamm bilanċ fl-ipprogrammar bejn il-parroċċa u l-assoċjazzjonijiet involuti fil-festa.

L-Għawdxin jidher li huma sodisfatti bil-mod kif il-Knisja f'Għawdex qed tikkomunika magħhom (72%). Imma l-inqas rati għoljin ta' sodisfazzjon (49%) jirrigwardaw il-ħidma maż-żgħażagħ u mal-familji.

Minkejja li l-fiduċja tan-nies fil-Knisja f'Għawdex għadha pjuttost kbira (92.5%), l-Istħarriġ wera li 65% jixtiequ li l-Knisja f'Għawdex tiġġedded u timmodernizza ruħha. Il-biċċa l-kbira

jaqblu li għandha tingħata iktar responsabbiltà lil-lajċi, għandha ssir iktar konsultazzjoni mal-parruċċani, u jingħataw iktar rwoli formali lin-nisa.

SURVEY REPORT:
"FAITH, RELIGIOUS PRACTICE AND ATTITUDES IN GOZO"

During the summer of 2026 the Diocese of Gozo commissioned a comprehensive scientific Survey amongst more than 400 persons regarding faith, religious practice and attitudes of the Gozitan population. This Survey was carried out with the aim of providing a clearer picture of today's Gozitan community in view of the pastoral planning for the coming years whilst providing a basis for dialogue between the Diocese and Catholics in Gozo.

The Survey found that although faith in Gozo is still strong (finding that 70.6% of respondents attend Sunday Mass regularly, and a further 17.7% attend often), more than two-thirds of respondents believe that faith in Gozo will decline over the next decade. Only 28% say that they participate in religious activities mainly out of habit, and 72% explicitly reject the idea that they are "religious" because of family pressures.

Although Mass participation rates are still relatively high, as regards the Sacrament of Confession, these are at the other end of the spectrum. In general only 7.3% confess regularly throughout the year, whilst 35.1% confess frequently, with another 43.6% declaring that they rarely confess and 14.0% never.

The Survey presents a relatively more pessimistic picture as regards the youth age group (16 to 35 years). The rate of youths that attend Mass regularly falls to 55%, whilst only 24.7% go to Confession regularly. In fact one of the findings of the Survey shows that the Sacrament of Confession is being considered more as an occasional spiritual practice or as a crisis sacrament than a regular spiritual habit. On the other hand, the Survey found that the main reason for the lack of religious practice is today's fast-pacing life-style and lack of time availability (47.5% of respondents).

According to the Survey, trust in priests is still relatively high in Gozo. 93% of respondents say that they have a positive impression of priests and that they find them available for personal assistance when needed.

The Survey also focused on patronal feasts. 80% of the Survey respondents believe that religious aspects in feasts are in decline. In fact 54% say that they would like to see more balance between the parish and the associations involved in the feast programming.

In general, Gozitans seem to be satisfied with how the Church in Gozo is communicating with them (72%). But lesser rates of satisfaction (49%) are noted as regards pastoral work with youths and families.

Although trust in the Church in Gozo is still relatively high (93.5%), the Survey found that 65% would like to see renewal and modernisation in the Gozitan Church. The majority of the Survey respondents agree that lay people should be given more responsibility, parishioners should be more consulted, and women should be given more formal roles.